**F'jum il-konsagrazzjoni**

F'jum il-konsagrazzjoni
Mad-daqq sabiħ tal-qniepen,
Tnisslet ġewwa din qalbi
Paċi li ssinn is-skiken.

Hi l-paċi ta' min jifhem
Li l-ħajja tgħaddi malajr,
U mhux għalhekk li wieħed
'l Mulej għandu jiżżi ħajr!

Kif taħrablek is-saħħa
Qabel kellek bil-bosta,
Mhux aħjar rasek trattab
Ieqaf agħmel apposta?

Ingħata aktar għat-talb
Fuqek se tiġi s-siegħa,
Li tinqata' mid-dinja
Tgawdija jew għal qiegħa.

Tgawdija għal min jagħmel
Dak li jrid minnu l-Mulej,
Qiegħa għal min biss wettaq
Li ried, inħela fix-xej!

Kemm hu 'l bogħod ħsiebi ħija
Mill-baned, marċi, briju,
Għax jekk nitlef 'l din ruħi
Mhux kollox ċikku briku?

Ejjew insiru l-ġebel
Ħaj, mħejji għall-azzjoni,
Ta' mħabba lejn il-proxxmu
Din il-konsagrazzjoni.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.